Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 133/14**

Il-Lussemburgu, 8 ta' Ottubru 2014

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

## Dħul fil-kariga ta' Membru ġdid tal-Qorti tal-Ġustizzja

*Udjenza solenni tat-8 ta' Ottubru 2014*

Wara r-riżenja ta' George Arestis, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Settembru 2014, ħatru lil Constantinos Lycourgos bħala Mħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu li fadal mill-mandat ta' George Arestis, jiġifieri sas-6 ta' Ottubru 2018.

Fl-okkażjoni tat-teħid tal-ġurament u tad-dħul fil-kariga tal-Imħallef il-ġdid, illum inżammet udjenza solenni fis- sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

### Curriculum vitae ta' Constantinos Lycourgos

Imwieled fl-1964; gradwat fi studji speċjalizzati fid-dritt Komunitarju (1987) u dottorat fil-liġi mill-Università Panthéon-Assas (1991); kelliem waqt konferenzi fiċ-ċentru ta' formazzjoni permanenti fl-Università Panthéon-Assas; kiseb iċ-ċertifikat sabiex ikun jista' jipprattika bħala avukat f'Ċipru (1993); konsulent speċjali għall-affarijiet Ewropej fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin f'Ċipru (1996-1999); membru tal-bord għan-negozjati dwar l-adeżjoni ta' Ċipru mal-Unjoni Ewropea (1998-2003); konsulent fid-dritt tal-Unjoni fi ħdan is-servizz legali tar-Repubblika ta' Ċipru (1999-2002); membru ta' delegazzjonijiet Ċiprijotti Griegi fil-kuntest ta' negozjati għal soluzzjoni globali għall-problema Ċiprijotta (2002-2014); ġurista prinċipali (2002-2007), sussegwentement avukat prinċipali tar-Repubblika ta' Ċipru (2007-2014) u direttur tad-dipartiment tad-dritt Ewropew tas-servizz legali tar-Repubblika ta' Ċipru (2003-2014); aġent tal-Gvern Ċiprijott quddiem il-qrati tal-Unjoni Ewropea (2004-2014); membru tal-kunsill ta' amministrazzjoni tal-Organizzazzjoni Ewropea ta' dritt pubbliku (Ateni, il-Greċja) mis-sena 2013; Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mit-8 ta' Ottubru 2014.

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-udjenza solenni jkunu disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*